**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 895/97

Anthony Falzon

vs

Chairman Enemalta ghan-nom u in rappresentanza ta' l-istess Korporazzjoni Enemalta

Illum 12 ta' Marzu, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1990 u 1992 huwa sofra ingustizzja f' li ma giex moghti promozzjoni ghall-grad ta' "Works Technical Officer" (illum Technical Officer) liema promozzjoni kienet lilu misthoqqa.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi r-rikorrent kien gie mpjegat mal-Korporazzjoni EneMalta fl-1978 wara li kien ghamel erba snin apprentistat b' success kif ukoll sena trainee fl-istess Korporazzjoni u dan minbarra sitt xhur jahdem il-Malta DryDocks.

Illi qabel ma r-rikorrent kien gie impjegat mal-EneMalta huwa kien ghamel ukoll "trade test" u "interview" sabiex jigu assigurati l-kapacitajiet tieghu u fil-fatt instab li hu kapaci.

Illi huwa kien gie originarjament impjegat bhala "Sheet Metal Worker" u Welder.

Illi wara madwar seba' snin jaghmel dan ix-xoghol, kienet harget applikazzjoni ghall-grad ta' Chargehand, u fil-fatt ir-rikorrent kien gie mahtur f' dan il-grad ta' Chargehand.

Illi fis-sena 1990, ir-rikorrent kellu jsir Works Technical Officer peress illi l-persuna li dak iz-zmien kellha dan il-grad fis-sezzjoni tieghu Anthony Busuttil, kien spicca biz-zmien procedura li kienet tigi segwita fid-Dipartimenti l-ohra ta' l-Enemalta u dana wara l-hrug ta' applikazzjoni ghal dan il-ghan.

Illi f'dan il-kaz minflok li harget applikazzjoni ghal dan il-grad li gara kien li ngiebet persuna minn sezzjoni ohra li tpoggiet f' dan il-grad minghajr il-hrug ta' l-ebda applikazzjoni u dana bl-aktar mod ingust u assolutament kontra l-proceduri li kienu jigu segwiti.

Illi minbarra minn hekk fl-1992 kienet harget applikazzjoni ghall-grad ta' Technical Officer, u wara li r-rikorrent ghamel ezami, rega' ma giex maghzul u dan minkejja li kien ilu hafna jaghmel ix-xoghol li jmur ma' dan il-grad.

Illi fil-fatt a skapitu tar-rikorrent, saru nies b' anqas seniority minnu u kif ukoll b' anqas kwalifiki minnu; u minkejja illi anke fl-assenza tal-Works Technical Officer huwa kien jaghmel ukoll ix-xoghol li jmur ma dak il-grad.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku, li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi (i) Jigi dikjarat illi r-rikorrent sofra ingustizzja meta huwa b' mod l-aktar ingust gie mcahhad mill-promozzjoni dovuta lilu (ii) jigi ordnat illi huwa jinghata l-promozzjoni lilu misthoqqa bid-data b' lura sa mill-1990 bhal ma nghata haddiehor, bil-beneficcji kollha b' lura li tali promozzjoni kienet iggorr maghha, u minghajr ma jigi mtellef kwalunkwe dritt spettanti lilu fir-rigward ta' promozzjonijiet u beneficcji ohra u (iii) jigi ordnat li jinghata kumpens ta' Lm5000 ghall-ingustizzja hekk sofferta.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepiet illi kuntrarjament ghal dak li qed jallega r-rikorrent il-Korporazzjoni Enemalta ma harget l-ebda sejha ghal applikazzjonijiet ghall-mili ta' post ta' Technical Officer;

Illi kienet saret sejha ghall-applikazzjonijiet ghal dan il-post fl-1991 u r-rikorrent ma kienx wiegeb ghal din is-sejha;

Salvi eccezzjonijiet l-ohra.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Illi fis-sena 1990 ma nghatax il-grad ta' Works Technical Officer meta spiccat bl-eta` l-persuna li kienet tokkupa dan il-grad fis-sezzjoni tieghu. Sostna li kien biss f' dan il-kaz li ngiebet persuna ohra minn sezzjoni ohra.

Zied li fl-1992 gie mcahhad minn promozzjoni ohra dovuta lilu, meta ma nghatax il-grad ta’ Technical Officer ghalkemm kien ilu jaghmel ix-xoghol li jmur ma’ dan il-grad fis-sezzjoni tieghu, ghal diversi snin. Inghataw dan il-grad nies li kellhom seniority u kwalifiki anqas minnu. Semma li l-korporazzjoni kienet ghamiltlu offerta ta’ sitt mitt liri maltin (Lm600) sabiex jirtira l-kaz tieghu u hu rrifjuta.

In kontro ezami semma li dwar tal-1990 ma kienux hargu applikazzjonijiet waqt li ghal tal-1992 sar ezami bil-miktub li ma jafx ir-rizultat tieghu.

Charles Said li jahdem mal-Korporazzjoni Enemalta fil-grad ta’ Senior Technical Officer xehed li jaf lir-rikorrent. Qal li x-xoghol tieghu huwa fuq barra pero` meta jkollu bzonn imur il-workshop jafu hemmhekk. Semma li r-rikorrent dejjem hu kien jiehu hsieb dak il-workshop u anke xoghol fuq barra. Hu kien jigi mieghi, jara x-xoghol u kien jiehu hsieb jippreparah. Semma li snin qabel suppost kien hemm in charge Alfred Coleiro izda kull darba li kien ikellem li Coleiro kien jghidlu fittex lil Toni.

Xehed Joseph Mangion Principal mal-Korporazzjoni Enemalta li semma li l-procedura mal-Korporazzjoni Enemalta kienet dejjem li meta jitbattal xi post issir “call for applications” ghal dak il-post u mhux awtomatikament tinghata promozzjoni. Ghalhekk jista’ japplika kullhadd u mhux necessarjament jintghazel minn dik is-sezzjoni. Huwa veru li l-bicca l-kbira kienu jkunu mill-istess

sezzjoni li jintghazlu pero` mhux necessarjament, specjalment f' xoghol ta' natura teknika.

Dwar l-allegata ingustizzja tal-1990 qal illi s-Sur Falzon kien jahdem fil-workshop u spicca wiehed, certu Tony Busuttil. Gara li kien hemm haddiehor, imghallem iehor f' workshop iehor, ghax hemm Generation u Distribution li kien sar Technical Officer u qabdu u flok ghamlu call for applications biex isir min kien f' dak il-workshop, kien qieghed zejjed u tefghuh hemmhekk.

In konnessjoni mal-allegata ingustizzja tal-1992 semma li harget call for applications u kienet b' ezami bil-miktub, u s-Sur Falzon ma kienx ghadda fir-written u allura ma kienx imsejjah ghall-interview. Karta tal-ezami pero` stabet il-kitba taghhom. Ikkonferma li meta kien ikun hemm vacancies dejjem il-procedura kienet li jistghu japplikaw nies minn sezzjonijiet ohra u mbaghad jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi inkluz qualifications, seniority u fatturi ohra relevanti u dejjem hekk sar.

**KONKLUZJONIJET:**

Ghalhekk l-ilment tar-rikorrent jirreferi ghal zewg aspetti u cioe` li fl-1990 meta spicca l-persuna li kienet tokkupa l-post ta' Technical Officer minflok ma sar ir-rikorrent giet persuna minn sezzjoni ohra, u sekondarjament li fl-1992 ir-rikorrent ma lahaqx f' din il-kariga.

Dwar tal-1990 xehed Joseph Mangion u semma li meta jkun hemm vacancies jistghu japplikaw nies minn sezzjonijiet ohra u jittiehdu

in konsiderazzjoni l-kwalifiki, seniority u fatturi ohra relevanti. Ir-rikorrent ma gab ebda prova li kien hemm xi obbligu tal-korporazzjoni li ma tittrasferix persuna minn sezzjoni ghall-ohra u b' hekk saret terza persuna fil-post in kwistjoni. Ir-rikorrent ma gabx provi dwar seniority, kwalifiki, esperjenza u aspetti ohra relativi ghalih, u ghal din il-persuna li fl-1990 hadet il-post ta' Works Technical Officer. Naturalment it-Tribunal ma jistax ghalhekk jasal li saret ingustizzja fit-termini tal-Kap. 394 jekk dawn ma ngabux bhala parti mill-provi u ghalhekk jilqa' l-eccezzjoni tal-korporazzjoni intimata.

Dwar il-promozzjoni tal-1992 bl-istess mod ir-rikorrent ma gabx provi a sodisfazzjon tat-Tribunal li juru l-kriterji pozittivi tieghu u ta' min lahaq biex it-Tribunal ikun jista' jasal ghal evalwazzjoni gusta ta' min messu sar. Kull ma ghandu dan it-Tribunal huwa r-risposti bil-miktub li ghamlu l-applikanti minghajr il-karta tal-ezami. Kif jista' dan it-Tribunal jasal ghall-konkluzjoni li saret ingustizzja meta r-rikorrent m' ghaddiex u ghadda haddiehor! Zgur li hawn ukoll l-ingustizzja ma gietx ippruvata. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjoni tal-korporazzjoni intimata.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.